**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Dicembru, 2015

Rikors Nru : 397/15 AL

**AB**

**u**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors konguntipprezentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu jippremettew :

1. Illi l-kontendenti partijiet kkuntrattaw zwieg nhar il-31 ta' Lulju tas-sena 2010 gewwa l-Kappella f'Bormla dedikata lil Santa Tereza liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta (1355/2010) u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A';

2. Illi l-kontendenti partijiet isseparaw *de facto* minn ma xulxin fis-sena 2011, il-partijiet addivjenew ghall-kuntratt ta' firda personali in atti Nutar Dottor Annalisa Caruana, b'dan illi minn dik id-data 'l quddiem l-istess partijiet rregolaw *de jure* l-aspetti kollha tas-separazzjoni personali taghhom u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta' firda personali hawn anness u mmarkat bhala Dok."B";

3. Illi llum il-gurnata ghaddew erba(4) snin mid-data effettiva meta l-kontendenti partijiet sseparaw *de facto* u wara li l-istess partijiet ikkonsideraw ukoll il-possibilta ta' rikonciljazzjoni ghal diversi drabi, kkonkludew li ma hemm ebda` prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

4. Illi l-partijiet minn dan iz-zwieg rrinunzjaw reciprokament mid-dritt li jitolbu u jottjenu manteniment minghand xulxin;

5. Illi mill-imsemmi zwieg l-istess partijiet ma kellhomx tfal;

6. Illi in vista tal-premess jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

(1) Tiddikjara li z-zwieg taghhom hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi;

(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jirregistrah skont il-Ligi fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Ottubru 2015;

Rat l-affidavits bix-xiehda taz-zewg rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mis-17 ta’ Novembru 2011 u isseparaw de facto minn ma xulxin fis-sena 2011;

Illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.